MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 96/2002/1

**Joseph Zammit**

**vs**

**Raymond Vella**
**(*recte:* u b' digriet tat-3 ta' Ottubru 2002 giet kjamata fil-kawza Sandra Vella)**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Dicembru 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-attur kien jissupplixxi lil konvenut b'gebel li l-konvenut kien juza fix-xoghol tieghu ta' bennej;

Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur bilanc ta' seba' mija u hamsa u erbghin liri Maltin (Lm745) ghal dan il-gebel;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kundannat

1. li jhallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u hamsa u erbghin liri Maltin kif fuq dovuti;

2. ihallas l-imghax fuq rata kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv;

Bl-ispejjes kollha nkluzi ta' l-ittri nterpellatorji tat-23 ta' Gunju 2001, ta' l-1 ta' Awissu 2001, u ta' l-ittra ufficcjali ta' Settembru 2001."

Ra r-risposta:

"Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Jeccepixxi bir-rispett:

i. l-avviz odjern huwa monk u null u dana peress illi hawn si tratta allegat dejn tal-kommunjoni tal-akkwisti kollha tigi citata wkoll mart l-attur, Sandra Vella.

ii. il-preskrizzjoni a tenur tal-artikoli 2148(a), 2149(a) u 2156(f) tal-Kodici Civili;

iii. illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghal premess, il-konvenut m'huwiex debitur lejn l-attur ghal ebda ammont ta' flus;

iv. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Sema l-provi, ra d-dokumenti esibiti kif ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

L-ewwel eccezzjoni tinstab sorvolata billi giet imsejha fil-kawza mart il-konvenut, u dan ghalkemm strettament il-prezenza taghha f'din il-kawza lanqas hija mehtiega stante li si tratta ta' debitu nkors mill-konvenut fil-kors normali tan-negozju tieghu;

It-tieni eccezzjoni, li tirrigwarda l-preskrizzjoni, giet irtirata kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2002 (fol 21);

Dwar il-mertu, l-konvenut b'mod skjett jghid li mhux debitur tal-attur, bla ma jispecifika ebda raguni ghal dan. Mill-process imbaghad jirrizulta li r-raguni li qed jadduci l-konvenut hija li l-konsenji ta' gebel li l-attur qieghed jallega li ta lill-konvenut, u li taghhom qieghed jitlob il-hlas, fil-fatt qatt ma saru. In sostenn tal-pretenzjoni tieghu, l-attur spjega li huwa ma jaghtix invoices li jigu ffirmati mir-ricevitur. Sistema bhal din kien ihaddimha sa certu zmien izda mbaghad minhabba d-diffikultajiet li kien isib meta jiehu l-gebel fuq il-lant tax-xoghol beda sistema li permezz taghha ta' kull konsenja jnizzel notament fi djarju li fih ikun hemm specifikat: (1) il-persuna li tkun ghamlet l-ordni; (2) jekk il-gebel ikunx ingarr bit-trakk tal-attur jew tal-klijent; (3) it-tip ta gebel ordnat u jekk ikunx mingur; (4) il-kwantita (5) il-post fejn ikun tqassam (ara fol 34) . Imbaghad dawn il-*prime note* kienu jitnizzlu iktar puliti u ordnati fuq kotba ohrajn kull xahar minn bint l-attur li meta jkun mehtieg kienet tohrog il-kontijiet fuq il-klijent partikolari.

Il-konsenji kkontestati jinstabu mdawwrin bil-kulur isfar a fol 37 u 38 tal-process. Dawn il-konsenji kienu saru fil-postijiet ta' tlett persuni u cioe':

1. <u>Joseph Borg</u> (detto *Il-Geru*) – jirrizulta li tabilhaqq il-konvenut kien ha l-gebel minghand l-attur, bih bena l-ewwel sular u beda t-tieni, u, billi ma kienx tal-kwalita' mixtieqa, huwa beda jordna minghand Joseph Attard (detto *Muha)*. Dan kif xehed l-istess Attard.

2. Carmel Cauchi (detto *Ta' Spoku*) – anke hawn, Joseph Attard xehed li meta beda jissupplixxi l-gebel, sab il-pedamenti mibdija.

3. Ray Mercieca (detto *Ta' Rusa*) - dan ix-xhud ittituba mhux ftit fid-diskors izda s-sustanza tax-xhieda tieghu hi fis-sens li ma kienx ikun fuq il-lant tax-xoghol u ghalhekk ma jafx il-konvenut, li kien qieghed jibnilu, imnejn kien igib il-gebel.

*In civilibus*, il-gudikant jiddeciedi fuq il-bilanc tal-probabiltajiet u fuq il-verosimiljanza tal-provi mressqa. Fil-kaz prezenti, min-naha l-wahda hemm il-kotba tan-negozju tal-attur li jikkonsisti anke f'dawk in-notamenti mehudin *a tempo vergine.* Min-naha l-ohra, il-konvenut ma pproduca l-ebda records tan-negozju tieghu. L-ebda notamenti mehudin *a tempo vergine* u cioe' meta jkun qieghed jibni, dwar minghand min ikun ordna l-gebel. Dan it-Tribunal xejn ma jsibha verosimili li l-konvenut ma hax in-notamenti tieghu huwa u jahdem; b'danakollu l-konvenut ma esebixxa l-ebda dokument. Stranament imbaghad fejn deherlu, il-konvenut ma naqasx milli jipprovdi d-dokumenti, tant li sahansitra pproduca sett ta' *delivery notes* tal-1994 – u cioe' tlett snin qabel il-1997 meta saru l-konsenji kkontestati f'din il-kawza - rilaxxjati mill-attur u ffirmati mill-konvenut biex jipprova jgiddeb l-asserzjoni tal-attur li wara xi zmien ma baqax jirrilaxxja d-*delivery notes.* Apparti x-xhieda fuq indikati, hemm imbaghad il-kunsiderazzjoni li l-konvenut mhux talli ma cahadx, anzi talli kkonferma, li f'dak iz-zmien partikolari tal-1997 kien qieghed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni lil Cauchi, Borg, u Mercieca. Mhux minn lewn id-dinja li l-attur kien jaf fejn kien qieghed jahdem il-konvenut u nizzel konsenji li fil-fatt ma sarux proprju lil dawn il-klijenti. Kien ikun differenti l-kaz kieku, *ad exemplum,* l-attur nizzel konsenji lil persuni li ma kinux klijenti tal-konvenut, jew lil persuni li kienu klijenti tal-konvenut izda f'postijiet fejn dawn ma kinux qeghdin jibnu.

Ghaldaqstant it-talba tal-attur tinstab altru milli sufficjentement ippruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenut; jichad it-tielet eccezzjoni u konsegwentement jilqa' t-talbiet tal-attur billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM745 prezz ta' merce lilu mibjugha u kkunsinata f'diversi okkazjonijiet, bl-imghax legali mid-data ta' kull konsenja kif imnizzla a fol 37 u 38 tal-process sad-data tal-eventwali hlas effettiv, bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut."

Il-konvenut hassu aggravat kemm bid-digriet tat-Tribunal tad-29 ta' Ottubru 2003 li cahadlu t-talba ghan-nomina ta' espert kalligrafiku kif ukoll mis-sentenza fil-meritu tad-29 ta' Dicembru 2004. Minnhom talab r-revoka billi kkontenda fl-ewwel lok illi l-prova kalligrafika kienet timpingi fuq il-meritu u t-Tribunal ma setax allura jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu minghajr l-assistenza ta' prova bhal din. Dippju, issenjala b' aggravju illi una volta kienet tezisti konflittwalita` fil-versjonijiet din kellha tiffavorixxi lilu;

Jibda biex jigi osservat in linea preliminari illi d-dixxiplina tal-provi hi di regola, fil-kazijiet ordinarji, distribwita bejn il-Kodici ritwali tal-procedura u l-Kodici Civili fejn, a propozitu jinghad fl-Artikolu 1232 (1) illi “l-prova ta' l-obbligazzjoni jew tat-tmiem taghha tista' ssir b' xhieda jew b' mezzi ohra maghrufin mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili”;

Invece fil-kaz tat-Tribunal specjali adit din id-dixxiplina hi regolata bl-Artikolu 9 ta' l-Att V ta' l-1995. Hekk insibu provvdut illi l-Gudikatur ghandu:-

(i) “jitgharraf b' kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jittratta” - subparagrafu (b) tas-subinciz 2 ta' l-Artikolu 9;

(ii) jiddezisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti sabiex jaghtu l-parir espert taghhom … [subparagrafu (c) tas-subinciz (2)];

Issa huwa minnu li kif drabi ohra osservaw il-Qrati taghna "l-perizja kalligrafika anke meta tkun wahedha ma jistax jinghad li ghandha tigi skartata *sic et sempliciter* u illi bhala prova ndizzjarja u sussidjarja ghandha l-valur taghha u tista' tikkonforta lill-gudikant fl-apprezzament ta' provi ohra fil-kumpless tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz". Ara f' dan is-sens decizjonijiet riportati a **Vol. XXXII P IV p 771; Vol. XXXIV P I p 209** u **Vol. XLV P II p 619**;

Dan, pero`, ma jfisserx illi ghax it-talba ghall-hatra ta' espert kalligrafiku ma gietx f' dan il-kaz akkolta mit-Tribunal allura t-Tribunal ma setax sodisfacentement jasal ghall-konkluzjoni tieghu ghab-bazi tal-provi l-ohra attendibbli. Ghall-formazzjoni tal-konvinciment, il-principju ta' akkwizizzjoni tal-provi, ottenuti b' mezzi ohra, iservi wkoll biex il-gudikant jiddetermina jekk ghandux jilqa', jew jirrigetta, it-talba. Il-perizja kalligrafika ma kienetx ghalhekk indispensabbli;

Fil-kaz in ezami t-Tribunal sab li ghandu jaghti affidament u kredibilita` aktar lill-versjoni ta' l-attur fuq ir-rizultanzi istruttorji ohra offruti. Ghat-Tribunal kienu jezistu elementi sostanzjali ta' korroborazzjoni tant fix-xhieda ta' l-attur u ta' bintu kif ukoll tax-xhieda l-ohra prodotti u dik ta' l-istess konvenut, kompriz ic-cirkostanzi generali tal-kaz;

Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellanti din il-Qorti, f' dan il-kaz, ma ssibx li l-assjem tal-provi hu tali li l-versjonijiet tal-kontendenti kienu t-tnejn plawsibbli u verosimili b' mod li jibbilancjaw ruhhom u allura l-gudikant ma jkunx jista' jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza u probabilitajiet, bir-rizultat li jigi deciz li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talba tieghu. Ara "**Joseph Vincent Rausi -vs- Joseph Muscat**", Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru

1992. Mhux il-kaz lanqas li z-zewg versjonijiet kienu talment possibbli biex seta' jinduci lit-Tribunal jichad it-talba fuq il-principju "*actore non probante, reus absolvitur*". Ara "**George Mifsud *nomine* -vs- Philip Micallef**", Appell, sede Inferjuri, 1 ta' Lulju 1997;

Hawn fil-verita` si tratta ta' apprezzament tal-provi u tal-kredibilita`. Gie deciz illi "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f' dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b' kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' '*in dubio pro reo*'" - "**Carmelo Farrugia -vs- Rocco Farrugia**", Qorti Civili, Prim' Awla,, 24 ta' Novembru 1966;

Fuq il-bazi tal-provi ottenuti din il-Qorti, similment bhat-Tribunal qabilha, ma ghandha l-ebda ezitazzjoni tafferma illi l-attur ipprovda l-vjaggi tal-gebel mill-barriera tieghu ghad-diversi lantijiet tax-xoghol u ma ssib ebda raguni biex ma taccettax ir-*records* mizmuma minnu;

Certament il-kwestjoni l-izjed sostanzjali f' dan il-kaz kienet dik jekk it-Tribunal kellux jemmen lill-appellant fl-allegazzjoni centrali tieghu illi hu ma hax il-konsenja tal-gebel in disputa u li ma kien fadallu jaghti xejn lill-attur. Allegazzjoni din ta' l-ahhar li hu ma ssostanzja bl-ebda mod. Hekk mentri t-Tribunal iddelibera li l-attur irnexxielu jiddisimpenja ruhu mill-oneru li juri u jsostni adegwatament il-legittimita` u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu, minn naha l-ohra ma kienx konvint mid-difiza tal-konvenut appellant fil-konfront ta' l-istess pretensjoni. Huwa principju assodat illi l-fatt ikun sufficjentement provat meta l-gudikant ikun akkwista, bil-provi forniti fil-gudizzju, ic-certezza morali tal-verita tal-fatti. Ara **Kollez. Vol. XXXVI P I p 319** u **Vol. XXXVII P I p 525**:

Fic-cirkostanzi tal-kaz, kompriz dak superjorment espress u d-disposizzjonijiet tal-ligi specjali accennati, mhux opportun li din il-Qorti tiddistruba l-konkluzjonijiet tat-

Tribunal kemm fil-kaz tad-digriet impunjat kif ukoll fil-kaz tas-sentenza attakkata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------